MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 568/2013

**GO plc – C22334**

**vs**

**Lancaster David**
**ID No-57870(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mitejn u sebgha u sebghin ewro u sebgha u tmenin centezmi (€2,277.87c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40159149, 40159322 u 40157719 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok.IZY-1 prospett ghall-akkont numru 40157719 u Dok.IZY-2 – prospett ghall-akkont numru 40159149 u Dok.IZY-3 – prospett ghall-akkont numru

40159322, u Dok.IZY-4 – kuntratt ghas-servizz moghti u Dok.IZY-5 – estratt mir-Registru Elettorali.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn, mitejn u sebgha u sebghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€2,277.87c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------